MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF LAWRENCE QUINTANO

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2012

Numru 40/2011

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Roger Agius**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuża numru 40 tas-sena 2011 kontra l-akkużat Roger Agius, li bih huwa ġie akkużat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi nhar it-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena 2009, għall-ħabta tas-sitta neqsin ħamsa ta' filgħaxija (17.55hrs) Roger Agius mar l-Għassa tal-Pulizija ta' Raħal Ġdid fejn hemmhekk informa lill-uffiċjali tal-Pulizija illi hu kien għadu kemm ta daqqa ta' sikkina lill-mara tiegħu ġewwa Triq it-Tempji Neolitiċi, Ħal- Tarxien.

Illi mill-investigazzjonijiet tal-pulizija irriżulta li dakinhar tat-13 ta' Lulju 2009, Roger Agius mar fi Triq it-Tempji Neolitiċi, Ħal-Tarxien, jistenna lil Catherine Agius tasal bit-Trasport Pubbliku. Miegħu hu

kien ħa sikkina twila madwar 37 cm u ħbieha f'basket li ħa miegħu apposta. X'ħin Catherine Agius, li tiġi l-mara ta' Roger Agius, waslet fuq il-post, Roger Agius resaq viċin tagħha biex ikellimha. Meta nduna li ma riditx tkellmu, Roger Agius, dolożament, bil-ħsieb li joqtol lill-istess Catherine Agius, jew li jqegħdilha l-ħajja tagħha f'perikolu ċar ta numru ta' daqqiet bl-imsemmija sikkina u ppenetralha l-kavita' toraċi bl-istess sikkina. X'ħin ra hekk, Roger Agius ħallieha mal-art u telaq 'l hemm.

Fi ftit ħin wara, marru fuq il-post diversi mediċi u paramediċi li ħadu lil Catherine Agius l-Isptar fejn sfortunatament, waqt intervent kirurġiku ta' emerġenza li kien qed isir fuqha, Catherine Agius mietet. Illi l-mewt ta' Catherine Agius kien riżultat dirett tad-daqqa ta' sikkina li sofriet minn Roger Agius.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fl-20 ta' Novembru 2008, Roger Agius instab ħati li wettaq reat volontarju u ġie kkundannat multa ta' €235.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fit-13 ta' Marzu 2008, Roger Agius instab ħati li wettaq reat volontarju u ġie kkundannat multa ta' €465.87 fost l-oħrajn.

Illi b'għemilu l-imsemmi Roger Agius, reċidiv f'delitt, sar ħati ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew bil- ħsieb li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dana l-ħsieb b'atti esterni u kkaġunalha l-mewt.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Roger Agius**,** reċidiv f'delitt, ħati ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew bil-ħsieb li jqiegħed il- ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dana l-ħsieb b'atti esterni u kkaġunalha l-mewt; talab illi jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru biż-

żieda tar-reklużjoni skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 31(e), 49, 50 211 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiż-żmien u taħt l-istess ċirkostanzi msemmija fl-ewwel Kap ta’ dan l-Att ta’ Akkuża, u ċioe’ fit-tlettax (13) ta’ Lulju tas-sena 2009, għall-ħabta tas-sitta neqsin ħamsa ta’ filgħaxija (17.55hrs) ġewwa Triq it-Tempji Neolitiċi, Ħal- Tarxien, Roger Agius waqt li kien qed jikkommetti l-omiċidju volontarju ta’ Catherine Agius kellu fil-pussess tiegħu xi arma regolari jew imitazzjoni tagħha u ċioe’ sikkina li għandha xafra li toħroġ aktar minn tmien ċentimetri mill-maqbad tagħha.

Illi b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali mogħtija fl-20 ta’ Novembru 2008, Roger Agius instab ħati li wettaq reat volontarju u ġie kkundannat multa ta’ €235.

Illi b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali mogħtija fit-13 ta’ Marzu 2008, Roger Agius instab ħati li wettaq reat volontarju u ġie kkundannat multa ta’ €465.87 fost l-oħrajn.

Illi b’għemilu, l-imsemmi Roger Agius, reċidiv f’delitt, sar ħati talli fil-ħin li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna, u ċioe’ omiċidju volontarju fuq il-persuna ta’ Catherine Agius kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari u ma kienx qiegħed iġorr dik l-arma tan-nar jew arma regolari għal xi għan leġittimu.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill- imsemmi Roger Agius, reċidiv f’delitt, ħati talli fil-ħin li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna, u ċioe’ omiċidju volontarju fuq il-persuna ta’ Catherine Agius kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari u ma kienx qiegħed iġorr

dik l-arma tan-nar jew arma regolari għal xi għan leġittimu; talab illi jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn ħames snin skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 55(a) u 61 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 31, 49 u 59 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiż-żmien u taħt l-istess ċirkostanzi msemmija fl-ewwel Kap ta' dan l-Att ta' Akkuża, u ċioe' fit-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena 2009, għall-ħabta tas-sitta neqsin ħamsa ta' filgħaxija (17.55hrs) Roger Agius ġarr miegħu 'l barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu, sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta, u ċioe' sikkina li għandha xafra li toħroġ aktar minn tmien ċentimetri mill- maqbad tagħha fi Triq it-Tempji Neolitiċi, Ħal-Tarxien, mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju u mingħajr ma u li ma jistax' raġonevolment jitqies li kienet qed tinġarr bil-għan li jsir dak l-użu minnha bħal dak li soltu jsir jew li kienet qed tintuża bil-għan tat- twettiq tas-sengħa jew għall-fini ta' l-istudji tagħha, jew għal għanijiet ta' għads.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fl-20 ta' Novembru 2008, Roger Agius instab ħati li wettaq reat volontarju u ġie kkundannat multa ta' €235.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fit-13 ta' Marzu 2008, Roger Agius instab ħati li wettaq reat volontarju u ġie kkundannat multa ta' €465.87 fost l-oħrajn.

Illi b'għemilu, l-imsemmi Roger Agius, reċidiv f'delitt, sar ħati talli kien qed iġorr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma jkollu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi jakkuża lil Roger Agius, reċidiv f'delitt, ħati talli kien qed iġorr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma jkollu liċenza jew permess mingħand il- Kummissarju tal-Pulizija; Jitlob illi jingħamel skont il-liġi kontra l- imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għall-piena ta' multa ta' mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha proċesswali, inklużi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat illi waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar, 2012, l-akkużat, mistoqsi jekk huwiex ħati skont l-Att tal-Akkuża, wieġeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba u tatu ftit taż-żmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li tagħmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkużat baqa' jtenni t-tweġiba li huwa kien ħati.

Tiddikjara għalhekk lill-ħati Roger Agius, reċediv, ħati talli:

1. fit-13 ta' Lulju, 2009 għall-habta tas-sitta neqsin ħamsa ta' filgħaxija, ġewwa Triq it-Tempji Neolitici, Ħal-Tarxien, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew bil-ħsieb li jqiegħed il- ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dana l-ħsieb b'atti esterni u kkaġunalha l-mewt, u dana skont l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża.

2. fit-13 ta' Lulju, 2009, għall-ħabta tas-sitta neqsin ħamsa ta' filgħaxija, ġewwa Triq it-Tempji Neolitici, Ħal-Tarxien, kien qed iġorr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma jkollu liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija, u dana skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża.

3. fit-13 ta' Lulju, 2009, għall-habta tas-sitta neqsin ħamsa ta' filgħaxija ġewwa Triq it-Tempji Neolitiċi, Ħal-Tarxien, kien qed iġorr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma jkollu liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija, u dana skont it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża.
Rat id-digriet tagħha tad-9 ta' Jannar 2012 dwar min seta' jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu dwar il-piena;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-ħati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u eżaminata mid-difiża.

Semgħet lill-akkużat li għażel li jixhed minn jeddu dwar il-każ. Il-fatti li semma huma prattikament dawk li jinsabu fl-istqarrija li hu kien liberalment għamel lill-Pulizija. Huwa semma s-suspett li kien daħallu bħala l-bidu tal-inkwiet. Imbagħad, hekk kif bdew il-proċeduri tas-separazzjoni, il-punt kruċjali kien kif ser jinqasmu ż-żewġ postijiet. Wieħed minnhom kien donazzjoni magħmula qabel iż-żwieġ minn missier il-vittma lill-vittma. L-akkużat xehed li kienu nħarġu l-flus għal dan il-post u li din ma kienet donazzjoni xejn. Huwa allega li l-kuntratt kien wieħed simulat. Kompla jgħid li l-vittma kienet offendietu meta huwa mar jistennieha biex jara kif ser jibqgħu dwar din il-problema. Huwa ċaħad li qabel kien għamel xi theddid li kien jinkludi l-użu ta' sikkina.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Nadine Sant, li jinsabu kollha reġistrati w senjatament, imma mhux biss is-segwenti :-

Illi dan huwa reat dwar tneħħija ta' ħajja li sar bi premiditazzjoni. Ir-reat seħħ wara li l-ħati kien mara jixtri sigarett u imbagħad mar jistenna lil martu. Ir-reat sar fi sfond ta' separazzjoni li kienet ilha sejra erba' xhur. Martu kienet mara taħdem u bieżla u ċċaħdet minn kollox. L-akkużat keċċa lilha u lit-tlitt itfal u ma kienx jagħtiha manteniment. Huwa kien jaf fi x'ħin hi kienet tispiċċa mix-xogħol. Imbagħad taha d-daqqa mortali kif tidher fl-X Ray. L-akkużat mar l-għassa fejn għamel rapport fuq dak

li ġara u talab li jaħsel idu, sigarett u kikkra kafe'. Huwa qatt ma wera rimors u l-mottiv kien il-flus. M'hemm ebda prova li kien hemm xi adulterju u l-kontraċettivi li nstabu kienu skaduti. L-inkwiet kollu minħabba żewġ postijiet li wieħed minnhom kien parafernali. Is-soluzzjoni dwar dwarhom żgur ma kinitx li wieħed jattakka lil martu bis-sikkina. Il-Prosekuzzjoni hawn semmiet ukoll diversi sentenzi li jinvolvu omiċidji fejn ingħataw pieni bħal 28 sena, 31 sena u 26 sena.

Qieset ukoll is-sottomissjonijiet tal-parte civili, li filwaqt li rreferiet għal dak li jgħid l-artikolu 492 tal-Kap 9, issottomettiet li l-piena idonea hija dik ta' priġunerija għal għomor meta tqis li l-ħati huwa reċidiv ukoll. L-ammissjoni kienet waħda tardiva ħafna u wkoll waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar 2012 il-ħati kien għadu qed jipprova jiġġustifika ruħu u ma weriex rimors. L-ebda adulterju ma jirriżulta mill-atti u l-ħati seta' kieku ried iġib provi ta' dan matul l-istruttorja (artikolu 405)(5) tal-Kap 9) iżda dan m'għamlux.

Qieset ukoll is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr.Malcolm Mifsud li jinsabu kollha reġistrati w senjatament, imma mhux biss is-segwenti :-

Id-difiża tifhem li l-parte ċivili tagħmel ċerti sottomissjonijiet għax għaddew minn trawma serja iżda s-sistema Maltija mhix waħda ta' tpattija. L-ammissjoni tal-akkużat għandha ttaffi din it-trawma. Id-difiża ssottomettiet li l-ammissjoni ma saritx fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2012 iżda saret ħames minuti biss wara li sar ir-reat meta l-ħati mar minn jeddu fl-għassa tal-pulizija u spjega x'kien ġara. Kompliet tgħid id-difiża li huwa sinifikanti ħafna li l-Pulizija ma ħlietx ħin u riżorsi sabiex tagħmel xi tfittxija għall-ħati għax dan ta ruħu b'idejh. Id-difiża għamlitha ċara wkoll li l-ħati ma marx l-għassa beix ipejjep iżda mar hemm biex jagħmel stqarrija dwar dak kollu li ġara.

Id-difiża ssottomettiet ukoll li min ikun qed jissepara jkun għaddej minn stress kbir u dan ikollu effett fuq għemil il-persuni involuti. Il-klijent tiegħu kien għaddej minn dan l-

istress. Imbagħad ġaladarba jibda t-tilwim dwar it-taqsim tal-propjeta' speċjalment dik immobbli, allura l-pressjonijiet jikbru. Id-difiża ssottomettiet ukoll li f'każ meta d-donazzjoni tkun saret bejn ġenitur u wild, ma jkunx hemm taxxa imposta. Id-difiża fl-aħħarnett ssottomettiet li f'kull kundanna wieħed għandu jqis ir-riforma tal-ħati u rreferiet ukoll għal sentenza mogħtija fit-tnax ta' Mejju 2003 fejn persuna kienet ammettiet omiċidju u kienet ikkundannata 25 sena priġunerija.

Ikkunsidrat

Li r-reat deskritt fl-ewwel kap tal-att tal-akkuża huwa wieħed serju ħafna għaliex fisser it-tmiem ta' ħajja ta' persuna. Fisser ukoll dulur kbir għall-familjari tal-vittma li ser jibqgħu iħossu t-telfa ta' binthom jew ta' oħthom waqt li l-ulied iridu jgħaddu ħajjithom bla omm. Il-mottiv għal dan ir-reat huwa wieħed inkwetanti għaliex dan kien marbut ma' qsim tal-propjeta' mmobbli waqt proċeduri ta' separazzjoni. Jikbru kemm jikbru l-pressjonijiet waqt li qed issir is-separazzjoni, ħadd qatt ma jista' jkun skużat li b'xi mod jattakka lill-parti l-oħra.

Lanqas ma huwa skużat il-ħati għaliex, kif allega, l-vittma indirizzat xi kliem lejh li lilu m'għoġbux. Bniedem raġonevoli, b'test oġġettiv, ma jġibx ruħu b'dan il-mod.

Il-Qorti qed tagħmel dawn il-punti ċari kemm jista' jkun biex jifhimhom kulħadd. Ħadd m'għandu jaħseb li xi persuna tista' taqbad u tieħu l-liġi f'idejha għax għaddejja minn xi pressjonijiet, huma x'inhuma dawn il-pressjonijiet u jinkludu dak l-inkwiet kollu li jinqala' waqt xi separazzjoni. Anzi din is-sentenza għandha tittieħed bħala twiddiba serja lil kull min jaħseb li jista' jaggredixxi lil martu jew lill-partner tiegħu.

**Konsiderazzjonijiet tekniċi**

Qieset li r-reċidiva kienet ippruvata. Il-fedina penali tal-ħati hija taħlita ta' ammendi, multi, sospensjoni tal-liċenzja ordni tal-probation, ksur tal-ordni tal-probation li ġabet magħha kundanna ta' priġunerija (li tidher li hija l-unika

kundanna ta’ priġunerija) . Ħafna mill-kundanni saru bejn l-1981 u l-1996. Imbagħad il-kundanni waqfu għal kollox għal tnax-il sena u reġgħu bdew fis-sena 2008.

Qieset li l-ammissjoni saret qabel ma ġie iffurmat il-ġuri, li pero’ ma tistax tissejjaħ waħda bikrija għaliex la saret mal-preżentata b’arrest tal-ħati u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni. Id-difiża ssottomettiet li l-ammissjoni saret mal-istqarrija għand il-Pulizija iżda din mhix l-ammissjoni li trid il-Liġi għax l-ammissjoni fl-istqarrija tista’ faċilment tinbidel f’mhux ħati fil-preżentata.

Qieset li t-tieni u t-tielet kapi tal-akkuża huma assorbiti fl-ewwel kap tal-att tal-akkuża bħala mezz għall-fini u dan ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

Qieset fl-aħħarnett l-artikolu 492 (1) tal-Kap 9 li jiddisponi kif ġej:

(1) Meta f’xi stadju qabel jiġi fformat il-ġuri l-akkużat jammetti l-ħtija tiegħu u għall-fatt li jiġi ammess mill-akkużat ikun hemm stabbilita l-piena ta’ priġunerija għall-għomor, il-qorti tista’, minflok il-piena msemmija, tagħti l-piena ta’ priġunerija għal żmien minn tmintax-il sena sa tletin sena.’

Wara li qieset pieni fis-sentenzi indikati kemm mill-Prosekuzzjoni u kemm mid-difiża, il-Qorti sejra tmur oltre l-massimu indikat f’dan l-artikolu minħabba (a) in-natura tal-fatti tal-każ inkluża r-reċidiva; (b) l-element ta’ predeterminazzjoni fl-att innifsu; (ċ) in-nuqqas ta’ rimors muri mill-ħati ; u (d) kif ukoll biex kulħadd jiftaħ għajnejh u jkun jaf x’pieni hemm fil-Liġi għal min jazzarda jerfa’ jdejh fuq xi persuna oħra..

**Konklużjoni**

Għalhekk din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 6, 51(7), 55(a) u 61 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-artikoli 17(h), 31(e), 49, 50, 211 u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-ħati Roger Agius għall-piena ta' wieħed u tletin (31) sena priġunerija mil-liema perjodu għandu jitnaqqas kull

żmien li l-akkużat għadda taħt arrest preventiv in konnessjoni ma’ dan il-każ.

Inoltre tikkundannah iħallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' import tal-ispejjeż peritali inkorsi f' din il-kawża u ċioe’ tlett elef, seba` mija w dsatax-il Ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€3719.73) liema spejjeż peritali jekk ma jithallsux fi żmien sitt xhur mil-lum jiġu konvertiti f’terminu ta’ priġunerija skont il-Liġi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------